**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 14**
**Appell Nru: 71/2001**

**Il-Pulizija (Seduta tad-distrett ta'San Giljan)**

**Vs**

**MANUEL MERCIECA**

**Illum, 24 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Manuel Mercieca talli fil-5 ta'Awwissu, 2000, ghal habta tal-5.00 a.m., gewwa Paceville, San Giljan, hebb ghall-Mandy Said u kkagunalha griehi ta'natura hafifa, skond kif gie certifikat mit-Tabib Dr. S. Camilleri M.D. tal-Gzira Health Centre.

Rat is-sentenza moghtija fl-4 t'April 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Manuel Mercieca hati ta' din l-akkuza, u lliberatu taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-zmien sena, kif ukoll applikat l-Artikolu 383 (1) tal-Kap. 9 billi rabtitu b'obbligazzjoni personali tieghu taht penali ta'Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lill-istess Mandy Said ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Manuel Mercieca datat 17 t'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, u tiddikjarah mhux hati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Semghet lix-xhieda bil-gurament, kif ukoll rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-provi li semghet din il-Qorti, li ghandha tahseb li sostanzjalment huma l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, jemergu zewg verzjonijiet ta'fatti li jikkontrastaw sew ma' xulxin. Hu minnu li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha temmen il-verzjoni ta'Mandy Said sabiex waslet li ssib htija fl-appellant, u skartat ghal kollox dak li xehed l-appellant, u normalment din il-Qorti ma tiddisturbax din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti hlief eccezzjonalment.

Din il-Qorti trid tara, ghalhekk, jekk in bazi ta' dawn il-provi, setghetx l-ewwel Qorti **ragjonevolment** tasal ghal dik id-decizjoni li hadet. Bir-rispett kollu lejn dik il-Qorti, din il-Qorti ma tistghax tara kif b'mod ragjonevoli, wiehed jista', minghajr dubju dettat mir-raguni, jasal sabiex iwarrab kompletament dak li xehed l-appellant u jigi accettat biss dak kollu li qalghet Mandy Said, b'mod li jhossu moralment konvint minn dak kollu li qalghet din il-mara. F'dan il-kaz hija ferm importanti dak li xehed il-P.S. 1492 li qal li meta din marret l-ghassa tghamel ir-rapport taghha ftit wara l-allegat incident, hu ma ra ebda griehi fuq il-persuna taghha. Ma hemm ebda prova konvincenti sal-grad rikjest mil-ligi li Mandy Said sofriet xi griehi, u jekk sofriet xi griehi, jekk dawn gewx kagunati mill-appellant. Fi ftit kliem hemm konflingenza ta'provi li certament iwasslu ghal dubju ragjonevoli.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'Manuel Mercieca qed jigi akkolt, b'dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

(ft) Aldo Testone

Deputat Registratur